MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2001

Numru 611/2001

Il-Pulizija
(Sp Helga Debono)
vs
Adrian Cassar, iben Walter,
imwieled Attard fit-23 ta'
april, 1968

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fid-9 ta' lulju, 2001 u fiż-żmien ta' qabel, fil-fond Craft Point, Triq il-Port Ruman, Qawra u postijiet oħra xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għal biegħ, jew importa għall-ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbħin b'qerq u cioe' wieħed u tletin arloġġ ta' marki foloz.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra li tinfliġġi l-piena stabbilita bil-liġi, tordna
l-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' ottubru, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 298(1)(f) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitt liri maltin (Lm100). Tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tal-arloġġi eżebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------